

Brussell, 13 ta' Frar 2026
(OR. en)

6361/26

FREMP 48
JAI 198
HYBRID 19
EDUC 47
JEUN 26
GENDER 13
TELECOM 67
CYBER 61
DISINFO 11
COPEN 43
AUDIO 20

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 71 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Pjan ta' azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku "Aktor sikuri online, flimkien aktar b'saħħitna"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 71 final.

Mehmuż: COM(2026) 71 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 10.2.2026
COM(2026) 71 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Pjan ta' azzjoni kontra l-bullying ċibernetiku

"Aktar sikuri online, flimkien aktar b'saħħitna"

1. Introduzzjoni

“Dan ix-xogħol mhuwiex għall-karità. Iżda l-ġenituri jgħixu bir-riskji u l-ħsarat ta’ dan kuljum: il-bullying ċibernetiku. Meta wieħed jitħeġġeġ jagħmel ħsara lill-nnifsu. Il-predaturi online. L-algoritmi li joħolqu dipendenza. Hija r-responsabbiltà tagħna li nipproteġu lill-ġenerazzjoni li jmiss tagħna.”

Il-President von der Leyen, diskors fl-avveniment ta’ profil għoli “Protecting Children in the Digital Age” tal-2025

It-trasformazzjoni diġitali biddlet lis-soċjetà b’mod radikali. Din toffri opportunitajiet vasti għat-tfal u għaż-żgħażaġh biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-kreattività tagħhom. Illum, 97 % taż-żgħażaġh fl-UE [jużaw l-internet kuljum](#), u għaż-żgħażaġh bejn il-15 u l-24 sena, [l-ewwel sors ta’ informazzjoni](#) huma l-pjattaformi tal-media soċjali (65 %). Flimkien mal-għodod tal-IA, il-videogames, l-apps tal-messaġġi u l-komunitajiet online, huma jikkonnettjaw u jinteraġixxu ma’ xulxin.

Iżda dawn il-pjattaformi huma wkoll ta’ riskju: l-esponiment għall-predaturi online, l-inkoraġġiment biex wieħed jagħmel ħsara lill-nnifsu, l-algoritmi li joħolqu dipendenza, l-isfidi online perikolużi, u l-bullying ċibernetiku.

Id-drittijiet fundamentali, [inkluż id-drittijiet tat-tfal](#), huma essenzjali għall-valuri tal-UE u jridu jitħarsu kemm online kif ukoll offline. It-tfal u ż-żgħażaġh għandhom id-dritt li jfittxu l-informazzjoni b’mod sikur, jitgħallmu, ikunu konnessi, u jsiru membri involuti tas-soċjetà. Għalhekk, il-libertajiet u l-possibbiltajiet tad-dinja diġitali jridu jikkorrispondu mad-determinazzjoni tagħna li nipproteġu u nemanċipaw lit-tfal u ż-żgħażaġh. Il-wegħda tal-era diġitali ma tridx tiddgħajef minn imġiba li tumilja, teskludi jew tagħmel il-ħsara.

Il-bullying ċibernetiku jnaqqas il-fiduċja u jagħmel ħsara lill-awtostima. Jeskludi lin-nies u jillimita l-potenzjal tagħhom. Idgħajef l-ambizzjoni komuni tagħna ta’ Ewropa vibranti, inklużiva u diġitali għat-tfal u għaż-żgħażaġh tagħna.

Il-media soċjali hija mezz primarju li permezz tiegħu t-tfal u l-adolessenti huma esposti għall-bullying ċibernetiku, u hemm evidenza li dejjem qed tiżdied li l-esponiment tagħhom għal kontenut online mhux xieraq qed ikollu effetti dejjiema li jagħmlu l-ħsara. L-UE diġà għandha [qafas legali u politiku](#) komprensiv biex tipproteġi u temanċipa lit-tfal online, u l-[Att dwar is-Servizzi Diġitali](#) (DSA, Digital Services Act) huwa l-għodda eżistenti ewlenija f’dan ir-rigward.

Kif tħabbar fl-Istat tal-Unjoni tal-2025, il-President von der Leyen qed titlob parir espert dwar ir-restrizzjonijiet possibbli fl-età għall-media soċjali fl-Ewropa fid-dawl tar-riskji online, bir-rakkomandazzjonijiet mistennija sas-sajf tal-2026. Għadd ta’ Stati Membri qegħdin jikkunsidraw li jieħdu passi biex jintroduċu etajiet minimi infurzabbli għall-aċċess għall-media soċjali u rekwiżiti għal kunsens u kontroll mill-ġenituri. Dan jinkludi l-allinjament tal-limiti fl-età għall-aċċess għall-media soċjali mal-età tal-kunsens diġitali, li jsir obligatorju li jkun hemm privatezza prestabbilita għall-minorenni u li jiġu stabbiliti soluzzjonijiet għal verifika anonima tal-età.

Approċċ ikkoordinat Ewropew għal-limiti fl-etajiet għandu jiżgura li t-tfal Ewropej kollha jingħataw protezzjoni ugwali u għandu jipprevjeni l-frammentazzjoni legali fis-suq diġitali uniku. Il-panel ta' esperti se jwitti t-triq għal approċċ Ewropew koordinat u potenzjalment leġiżlattiv għal-limiti fl-etajiet u kampanja ta' sensibilizzazzjoni bbażata fuq l-evidenza ħalli l-ġenituri jkollhom is-setgħa li jieħdu kontroll effettiv fuq l-aċċess tat-tfal tagħhom għall-kontenut online.

Il-Bord Konsultattiv għaż-Żgħażaġħ qasam ukoll mal-President tal-Kummissjoni l-perspettivi taż-żgħażaġh dwar din il-kwistjoni. Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri qiegħda tippilota [soluzzjoni ta' verifika tal-età](#) li hija faċli għall-utent u li tippoteġi l-privatezza, u qiegħda tistabbilixxi "standard ta' referenza" għall-verifika tal-età online. Il-Parlament Ewropew [appella](#) biex l-età minima diġitali tal-UE armonizzata tkun 16-il sena għall-aċċess għall-media soċjali, għall-pjattaformi ta' video-sharing u għall-IA li żżomm kumpannija, filwaqt li jiġi permess l-aċċess għaż-żgħażaġh bejn it-13 u s-16-il sena bil-kunsens tal-ġenituri.

Il-Kummissjoni se tniedi wkoll inkjesta fl-UE kollha biex tagħti bidu għal dibattitu bbażat fuq l-evidenza dwar l-impatt tal-media soċjali u tal-ħin eċċessiv li wieħed iqatta' quddiem l-iskrin fuq il-benesseri u s-saħħa mentali taż-żgħażaġh.

Meta t-tfal ikunu online, il-bullying ċibernetiku għadu sfida sinifikanti li titlob rispons koordinat fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Ir-responsabbiltà tal-pjattaformi online biex tiġi żgurata s-sikurezza mid-disinn tiġi l-ewwel. L-indirizzar tal-bullying ċibernetiku jirrikjedi kollaborazzjoni fil-livelli kollha ta' governanza, inklużi l-awtoritajiet regolatorji u tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha, li jinvolvi lill-ġenituri, lill-professionisti, lill-edukaturi, lis-soċjetà ċivili u liż-żgħażaġh infushom.

Kif imħabbar fil-[Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni 2024-2029](#), din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi pjan ta' azzjoni mmirat biex jiġġieled b'saħħa x-xejra li dejjem qed tikber ta' mġiba abbużiva online. Dan jiffoka primarjament fuq it-tfal u ż-żgħażaġh, filwaqt li jqis ukoll iż-żieda fil-vulnerabbiltà ta' ċerti gruppi. Madankollu, ħafna mill-azzjonijiet proposti se jgħinu biex jiġi indirizzat il-bullying ċibernetiku fost il-popolazzjoni usa'.

Il-Kummissjoni se tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tikkomplementa d-DSA, filwaqt li tiżgura li l-pjattaformi diġitali jieħdu r-responsabbiltà sħiħa tagħhom biex jidentifikaw u jiġġieldu l-bullying ċibernetiku. Din se tappoġġa lill-Istati Membri kollha fl-adozzjoni tal-aħjar prattiki disponibbli fl-UE biex issaħħaħ l-effettività tal-ġlieda tagħhom kontra l-bullying ċibernetiku. U se żżid l-isforzi biex jintlaħqu l-partijiet kollha tas-soċjetà bl-informazzjoni u tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar x'inhu l-bullying ċibernetiku, kif dan jista' jiġi evitat, u kif il-vittmi jistgħu jiġu appoġġati.

B'dan il-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, lill-pjattaformi online, lis-soċjetà ċivili, lill-istituzzjonijiet edukattivi, lill-familji, lit-tfal u liż-żgħażaġh infushom biex jimpenjaw ruħhom fi sforz komuni: li jiġi żgurat li l-ispazju diġitali jkun sikur, rispettuż, inklużiv u ta' appoġġ. Il-Kummissjoni tipproponi li l-Unjoni tagħna tingħaqad għall-benesseri mentali u għad-dinjità tat-tfal u taż-żgħażaġh kollha.

2. Il-bullying ċibernetiku: il-kwistjoni

Il-bullying ċibernetiku jaffettwa lit-tfal kullimkien: 18,3 % tat-tfal fid-dinja esperjenzaw bullying ċibernetiku permezz ta' messaġġerija istantanja, posts fuq il-media soċjali, emails jew messaġġi testwali. Il-bullying ċibernetiku ma jseħħx biss permezz tal-kitba iżda wkoll permezz ta' kontenut awdjoviżiv bħal [stampi jew vidjows](#) kondiviżi online.

Fl-Ewropa, madwar [1 minn kull 6 itfal](#) bejn il-11 u l-15-il sena jirrapportaw li kienu vittmi ta' bullying ċibernetiku u madwar 1 minn kull 8 ammettew li wettqu bullying ċibernetiku fuq ħaddieħor. Bejn l-2018 u l-2022, in-numru ta' [adolesxenti li kienu qed jesperjenzaw bullying ċibernetiku](#) żdied bi kwart għas-subien u kważi bi kwart għall-bniet. Matul dawn l-aħħar 5 snin, il-bullying ċibernetiku kien b'mod konsistenti r-[raġuni ewlenija](#) għaliex jiġu kkuntattjati l-helplines taċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur (SICs, Safer Internet Centres).

Is-6,343 risponent li kellhom bejn it-12 u s-17-il sena kkonsultati għal dan il-pjan ta' azzjoni rrapportaw [esponiment mifrux għall-bullying ċibernetiku](#): 1 minn kull 4 itfal u adoloxxenti bejn it-12 u s-17-il sena esperjenzaw bullying ċibernetiku huma stess, u aktar minn 1 minn kull 3 kienu xhieda ta' dan.

2.1 X'inhu l-bullying ċibernetiku?

It-teknoloġiji diġitali espandew l-opportunitajiet għall-konnessjoni iżda intensifikaw ukoll ir-riskji online, bħall-esklużjoni soċjali, ir-reati ta' mibegħda, il-fastidju, l-umiljazzjoni u l-abbuż li jistgħu jmorru lil hinn mil-limiti fiżiċi u jippersistu l-ħin kollu.

Għall-fini ta' dan il-pjan ta' azzjoni, il-Kummissjoni beħsiebha tippromwovi **fehim komuni tal-bullying ċibernetiku**:

Il-bullying ċibernetiku jirreferi għal **imġiba mwettqa permezz ta' teknoloġiji diġitali, bl-intenzjoni jew bl-effett primarju li l-persuni, b'mod partikolari it-tfal jew iż-żgħażaġh, jiġu umiljati, esklużi soċjalment, abbużati, iffastidjati jew issirilhom ħsara.**

Ir-repetizzjoni titqies bħala [karatteristika ewlenija](#) tal-bullying u tal-bullying ċibernetiku. Hija relatata mal-effetti kontinwi fuq il-vittma, li tista' tibża' wkoll li avveniment ta' darba jista' jixxerred ripetutament online, u dan jestendi t-trauma u jwassal għal rivittimizzazzjoni mingħajr involviment dirett ulterjuri mill-awtur.

L-iżbilanċ fil-poter huwa ċentrali għall-bullying, iżda online jista' jimmanifesta ruħu b'mod differenti. Fil-bullying tradizzjonali, l-iżbilanċ fil-poter spiss jirriżulta mis-saħħa fiżika, mill-istatus soċjali jew min-normi tal-grupp. Fil-bullying ċibernetiku, dan jirriżulta wkoll minn livelli inugwali ta' influwenza diġitali, ħiliet diġitali, aċċess għat-teknoloġija, jew kontroll fuq il-kontenut.

Il-bullying ċibernetiku qed isir dejjem aktar diffiċli biex jiġi indirizzat peress li jista' jseħħ fuq apparati privati fi kwalunkwe ħin, fi kwalunkwe post, u mingħajr il-preżenza fiżika tal-awtur. Barra minn hekk, iseħħ ukoll fuq mezzi mhux disponibbli għall-pubbliku.

L-aktar forom komuni ta' bullying ċibernetiku jinkludu kummenti kattivi jew li jweggħu, it-tixrid ta' xniġhat online, jew il-kondiviżjoni ta' posts imbarazzanti jew umiljanti.

L-anonimità, il-firxa wiesgħa tal-udjenza, u l-kapaċità li jintbagħtu messaġġi privati lill-individwi fi kwalunkwe ħin, iżidu d-dannu tal-bullying tradizzjonali. Barra minn hekk, l-ambjenti diġitali jhegħu d-diżimpenn morali, in-nuqqas ta' empatija, u d-diżinibizzjoni online, u b'hekk inaqqsu l-ostakli għall-aggressjoni online.

Il-kontenut ta' ħsara jista' jibqa' online b'mod indefinit. Jista' jiġi aċċessat u kondiviż mill-ġdid kontinwament, jew isir virali, u dan iżid il-ħsara, jikkawża r-rivittimizzazzjoni, u jfixxkel l-irkupru. Dawn il-fatturi jridu jitqiesu biex jingħata appoġġ effettiv. Dan jespandi l-udjenza potenzjali, u permezz tiegħu titkompla l-aggressjoni fl-ispazji fiżiċi u dawk online jew viċi versa.

L-iżvilupp diġitali rapidu kontinwu jfisser li l-ambjenti u l-ġhodod użati biex issir il-ħsara qed jinbidlu kontinwament. Sabiex tiġi żgurata l-flessibbiltà, għandhom jintużaw l-aħħar teknoloġiji biex jiġi identifikat u indirizzat.

B'mod partikolari, filwaqt li l-intelliġenza artifiċjali (IA) tista' tgħin biex jiġi identifikat il-bullying ċibernetiku, l-adozzjoni dejjem akbar tal-IA, speċifikament l-IA ġenerattiva (GenAI), u l-integrazzjoni tagħha fl-apps u fis-servizzi online, iżidu r-riskji tal-bullying ċibernetiku u saħansitra joħlqu oħrajn ġodda. Pereżempju, id-deepfakes qed jiżdiedu u jwasslu dejjem aktar għal abbuż permezz ta' deepfakes sesswalment espliċiti li b'mod predominanti jolqtu n-nisa u l-bniet, inkluż fil-każijiet ta' bullying ċibernetiku, u dan iwarja minn imġiba ta' ħsara għal reati kriminali meta jinvolvi l-ohlqien ta' xbiha li jinkludu abbuż sesswali tat-tfal jew vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru. Dan jintroduċi dimensjoni addizzjonali ta' ħsara li mhux biss tagħmel ħsara lir-reputazzjoni iżda, bħal imġiba oħra ta' bullying ċibernetiku, tista' wkoll twassal għal trauma psikoloġika, u dan jenfasizza l-urġenza li jiġu mmonitorjati u indirizzati dawn ir-riskji emerġenti fil-livell tal-UE.

Il-bullying ċibernetiku u r-reati ta' mibegħda jistgħu jikkoinċidu meta l-bullying ċibernetiku jkun motivat mill-mibegħda jew jinċita l-vjolenza u l-mibegħda, u jolqot individwi b'referenza għal ċerti karatteristiċi protetti. [Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI](#) teħtieġ li l-Istati Membri jikkriminalizzaw l-inċitament pubbliku tal-vjolenza jew il-mibegħda diretta kontra grupp ta' persuni jew membru ta' tali grupp definit b'referenza għar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, in-nisel jew l-oriġini etnika. Teħtieġ ukoll li l-Istati Membri jiżguraw li jiġu previsti pieni addizzjonali għal reati kriminali mwettqa b'motivazzjoni razzista jew ksenofobika.

Il-bullying ċibernetiku jista' jikkoinċidi mal-abbuż sesswali tat-tfal skont it-tifsira tad-[Direttiva 2011/93](#) dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija.

Id-[Direttiva 2024/1385](#) dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-inċitament ċibernetiku għall-vjolenza jew għall-mibegħda abbażi tal-ġeneru jkun punibbli bħala reat kriminali. Tikkriminalizza wkoll reati oħrajn ta' vjolenza ċibernetika li spiss iseħħu fil-kuntest tal-bullying ċibernetiku: il-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' materjal intimu jew manipulat, l-istalking online u l-fastidju

online. Id-Direttiva tinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex tiġi ffaċilitata t-tneħħija fil-pront ta' materjal illegali ta' vjolenza online.

2.2 Gruppi f'riskju ta' bullying ċibernetiku

Il-bullying ċibernetiku huwa partikolarment prevalenti fost **it-tfal u l-adolesxenti tal-età tal-iskola**, speċjalment hekk kif l-attività online tagħhom tiżdied.

Il-bniet u t-tfajliet huma esposti għall-bullying ta' natura sessista u misogina u huma affettwati b'mod sproporzjonat, pereżempju, permezz tal-[kondiviżjoni mhux konsenswali ta' xbihat intimi](#) u ta' [deepfakes sesswalment espliċiti](#).

Il-gruppi vulnerabbli huma esposti b'mod sproporzjonat għall-bullying ċibernetiku peress li l-bullying ċibernetiku jista' jkun dirett għal individwu minħabba l-perċezzjoni ta' appartenenza għal daww il-gruppi.

It-tfal minn familji bi dhuw baxx huma [aktar](#) esposti għall-bullying ċibernetiku mill-pari tagħhom.

It-tfal u ż-żgħażaġh b'diżabilità jesperjenzaw [livelli oġġla ta' vittimizzazzjoni online](#), inkluża l-vjolenza sesswali u dik abbażi tal-ġeneru. Xi wħud saħansitra jtilqu mill-ispazji diġitali minħabba abbuż kostanti.

Il-minoranzi etniċi u reliġjużi, il-migranti u r-refuġjati jiffaċċjaw riskji għoljin ta' bullying razzist jew diskriminatorju. Pereżempju, [il-persuni Rom u minoranzi razzjali jew etniċi oħrajn](#) huma partikolarment esposti għal fastidju online u diskors ta' mibegħda illegali marbut mal-esklużjoni sistemika, u 90 % tal-[Ewropej Lhud](#) irrapportaw li esperjenzaw anti-Semitiżmu online matul is-sena li għaddiet.

Fost **il-persuni LGBTIQ+**, 63 % spiss iltaqgħu ma' kontenut online vjolenti kontra l-komunità [LGBTIQ+](#). Barra minn hekk, 11 % rrapportaw li xi ħadd ippostja kummenti offensivi jew ta' theddid dwarhom fuq l-internet matul is-sena li għaddiet, u żewġ terzi esperjenzaw żufjett jew fastidju kemm damu l-iskola.

L-azzjonijiet ippreżentati f'dan il-pjan ta' azzjoni se jikkontribwixxu biex jiġi indirizzat il-bullying ċibernetiku għal kull vittma. Il-kunsiderazzjonijiet ta' ugwaljanza deskritti hawn fuq se jitqiesu fl-implimentazzjoni biex jissaħħaħ l-impatt tal-azzjonijiet.

2.3 L-impatt tal-bullying ċibernetiku

Il-konsegwenzi tal-bullying ċibernetiku jistgħu jkunu severi u dejjiema, kemm għall-individwi kif ukoll għas-soċjetà inġenerali. Fuq medda ta' żmien qasir, il-bullying ċibernetiku jista' jkun l-ewwel pass għall-kriminalità jew għal abbuż aktar serju, inkluż l-abbuż sesswali.

[Il-vittmi tal-bullying ċibernetiku](#) jiffaċċjaw riskju akbar ta' ansjetà, dipressjoni, solitudni, ħsara lilhom infushom, u mġiba suwiċidali, u huma aktar suxxettibbli għal problemi ta' mġiba, inkluża mġiba ta' ħsara biex wieħed ikampa. Barra minn hekk, daww li jesperjenzaw il-bullying

ċibernetiku jistgħu jkunu involuti fil-bullying ċibernetiku huma stess, jekk xejn biex jaħarbu mir-rwol tagħhom bħala vittma. Dan jeħtieġ rispons bir-reqqa li jkun adattat għat-tfal.

Il-bullying ċibernetiku jista' jkun ta' ħsara wkoll għall-prestazzjoni akkademika, għall-benesseri tal-istudenti u għall-ambjent tal-iskola. Dan jista' jkollu konsegwenzi fit-tul għat-trajettorji edukattivi u tal-karriera, kif ukoll għall-benesseri u għas-sodisfazzjon ġenerali tal-istudenti b'ħajjithom.

L-impatt fuq it-tfal u ż-żgħażaġh jista' għalhekk ikollu konsegwenzi estensivi għas-soċjetà, u dan jaggrava l-inugwaljanzi eżistenti.

3. It-triq 'il quddiem

Hemm bżonn ta' rispons tal-UE aktar robust, konsistenti u kkoordinat għall-bullying ċibernetiku li jsaħħaħ l-isforzi ta' prevenzjoni u tal-litteriżmu diġitali, kif ukoll li jtejjeb u jissimplifika r-rapportar u l-appoġġ għall-vittmi fl-Unjoni. Il-viżjoni tagħna hija ta' Ewropa fejn kull tifel u tifla u żagħżuġh u żagħżuġha jkunu jistgħu jikbru ħielsa mill-bullying ċibernetiku, bid-dinjità tagħhom protetta, u f'pożizzjoni b'saħħitha biex jirnexxu f'dinja diġitali li tirrispetta l-valuri Ewropej. Għal dak l-għan, dan il-pjan ta' azzjoni huwa bbażat fuq tliet pilastri interkonnessi: L-approċċ koordinat tal-UE, il-prevenzjoni u s-sensibilizzazzjoni, u r-rapportar u l-appoġġ.

Din is-sejħa għal azzjoni hija appoġġata mill-opinjoni pubblika: [aktar minn 9 minn kull 10 Ewropej](#) jiddikjaraw li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jieħdu azzjoni urġenti biex jipproteġu lit-tfal mill-bullying ċibernetiku. Il-[konsultazzjoni pubblika](#) li tappoġġa dan il-pjan uriet appoġġ qawwi għall-litteriżmu diġitali u għall-programmi ta' bini tal-empatija fl-iskejjel u għat-taħriġ tal-għalliema, kif ukoll għal għodod ta' rapportar u servizzi ta' appoġġ imtejba għall-vittmi.

3.1 Il-Pilastru I: Approċċ koordinat tal-UE għall-protezzjoni

Il-Kummissjoni se tuża skompletament l-istrumenti politiċi u legali eżistenti u se tidentifika opportunitajiet biex tiġġieled il-bullying ċibernetiku bħala parti minn inizjattivi futuri. Barra minn hekk, **l-Istati Membri mistiedna jsarrfu l-oġettivi komuni f'miżuri nazzjonali effettivi u jibnu ekosistema integrata u li tiffunzjona tajjeb biex jindirizzaw il-bullying ċibernetiku.**

Id-DSA jibqa' ċentrali għall-isforzi tal-infurzar, u jirrikjedi li l-fornituri ta' pjattaformi online aċċessibbli għall-minorenni jiżguraw livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà għall-minorenni fis-servizz tagħhom.

Barra minn hekk, il-[linji gwida tad-DSA](#) dwar il-protezzjoni online tal-minorenni jistabbilixxu miżuri li l-fornituri ta' pjattaforma online għandhom jistabbilixxu biex jikkonformaw ma' dak l-obbligu, inklużi miżuri xierqa biex jitnaqqas ir-riskju li l-minorenni jkunu esposti għal kontenut ta' ħsara, bħat-tfassil ta' sistemi ta' rakkomandazzjoni fl-aħjar interessi tal-minorenni, jew għal imġiba dannuża, inklużi riskji relatati mal-kuntatt minn interazzjonijiet mal-pari. Sabiex jipproteġu lill-vittmi tal-bullying ċibernetiku, jinkludu wkoll miżuri ta' kontroll u ta'

tisħiħ fil-pożizzjoni tal-utenti, mekkaniżmi ta' rapportar u għodod għall-ilmenti adattati għat-tfal kif ukoll moderazzjoni tal-kontenut fil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz. Id-DSA jirrikjedi wkoll li l-fornituri ta' pjattaformi online jistabbilixxu mekkaniżmi faċli għall-aċċess u faċli għall-utent li permezz tagħhom l-utenti kollha, inklużi l-minorenni, ikunu jistgħu jirrapportaw il-kontenut illegali, eż. ċerti forum ta' diskors ta' mibegħda illegali; jew materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, xi forum ta' bullying ċibernetiku jistgħu jkunu wkoll illegali. Il-fornituri jeħtiġilhom jieħdu deċiżjonijiet fil-pront malli jirċievu tali notifiki.

Dan il-pjan ta' azzjoni se jinforma r-rieżami u l-aġġornament li jmiss tal-linji gwida tad-DSA dwar il-protezzjoni online tal-minorenni. B'mod partikolari, il-linji gwida jistgħu jgħinu lill-fornituri tal-pjattaformi online jfasslu għodod ta' rapportar aktar effiċjenti, eż. fir-rigward tal-viżibbiltà, l-aċċessibbiltà teknika, u r-reġim lingwistiku tagħhom, u jużaw teknoloġiji effettivi għall-prevenzjoni tal-esponiment għall-bullying ċibernetiku. Il-linji gwida jistgħu jgħinu wkoll lill-fornituri biex ifasslu miżuri xierqa sabiex jirreaġixxu għan-notifiki minn minorenni, eż. billi jappoġġaw lill-utenti biex iżommu informazzjoni li tista' sservi bħala evidenza.

Id-DSA jipprevedi wkoll il-possibbiltà li jkun hemm [“sinjalaturi fdati”](#), entitajiet esperti li n-notifiki tagħhom iridu jiġu prijoritizzati. Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jintużaw biex jiġi indirizzat il-bullying ċibernetiku, u s-sinjalaturi fdati jistgħu jikkontribwixxu biex tiġi indirizzata d-disseminazzjoni tal-kontenut tal-bullying ċibernetiku illegali. Il-Kummissjoni se toħroġ linji gwida dwar is-sinjalaturi fdati li se jgħinu biex jiġi ċċarat ir-rwol tagħhom fl-indirizzar tal-kontenut illegali, inkluż il-bullying ċibernetiku illegali. Dawk il-linji gwida se jgħinu wkoll biex jiġu ċċarati l-obbligi tal-fornituri tal-pjattaformi online fir-rigward tan-notifiki mressqa minn sinjalaturi fdati.

Il-bullying ċibernetiku jista' jsir ukoll permezz ta' kontenut awdjoviżiv online. Id-[Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva](#) (AVMSD, Audiovisual Media Services Directive) tistabbilixxi rekwiżiti ġenerali għall-protezzjoni tal-minorenni, b'mod partikolari online, minn kontenut dannuż li jista' jfixxkel l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tagħhom. Dan jinkludi kontenut li jinkludi bullying ċibernetiku. L-AVMSD teħtieġ li l-pjattaformi ta' video-sharing jieħdu miżuri xierqa biex jiġi evitat li l-minorenni jaċċessaw kontenut ta' ħsara permezz tal-inklużjoni ta' standards tal-kontenut tal-media fit-termini u l-kundizzjonijiet, jew sistemi ta' kontroll mill-ġenituri u ta' klassifikazzjoni tal-kontenut. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom obbligu li jipproteġu d-dinjità tal-bniedem meta jimplimentaw l-AVMSD. L-evalwazzjoni u r-rieżami kontinwi tad-Direttiva se jivvalutaw kemm il-pjattaformi ta' video-sharing applikaw dawn ir-regoli effettivament, u jekk hemmx bżonn li jsir aktar biex il-minorenni jiġu protetti minn kontenut dannuż online, inkluż fir-rigward tal-bullying ċibernetiku, u f'konformità mad-DSA.

L-[Att dwar l-Intelliġenza artifiċjali](#) jipprojbixxi s-sistemi tal-IA li jimmanipulaw lill-persuni jew iqarrqu bihom billi jisfruttaw vulnerabbiltajiet marbuta mal-età tagħhom, sabiex ifixxlu l-imġiba tagħhom b'mod li jikkawżaw ħsara sinifikanti. Dawn il-projbizzjonijiet jistgħu jipprevjenu l-bullying ċibernetiku. Il-Kummissjoni adottat [linji gwida dwar il-prattiki projbiti tal-IA](#) biex tiffaċilita l-implimentazzjoni konsistenti u effettiva fl-Unjoni. L-Att dwar l-IA jistabbilixxi wkoll rekwiżiti ta' trasparenza, inkluż l-obbligu li l-utenti jiġu informati meta

jkunu qed jinteraġixxu mal-IA u li l-kontenut iġġenerat jew immanipulat mill-IA, bħal deepfakes, jiġi tikkettat b'mod ċar biex jiġi evitat il-qerq.

Barra minn hekk, dawn il-politiki jridu jiġu kkomplementati mill-ġbir tad-data dwar il-bullying ċibernetiku, li bħalissa huwa inkonsistenti, u dan ifixkel il-fehim komprensiv tax-xejriet madwar l-Istati Membri. Bi tveġiba għas-sejħa li toħroġ mill-konsultazzjoni pubblika, il-Kummissjoni se tiffaċilita l-ġbir tad-data konsistenti u komparabbli dwar il-bullying ċibernetiku fl-UE, pereżempju billi tipprovdi gwida bħal qafas u indikaturi komuni għall-ġbir tad-data, u t-tnedija ta' sħarriġ fl-UE kollha permezz tal-pjattaforma Internet Aħjar għat-Tfal (BIK, Better Internet for Kids) f'kooperazzjoni ma' mekkaniżmi oħra għall-parteċipazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh. Se jiġu pprovduti riżorsi adegwati biex in-network taç-[Ċentri għal Internet Aktar Sikur \(SICs\)](#) ikun jista' jwettaq dawn il-kompiti addizzjonali u jiżgura l-kontinwità fit-tul ta' din il-ħidma.

Il-Kummissjoni se:

1. tespandi l-enfasi fuq l-indirizzar tal-bullying ċibernetiku fir-**rieżami tal-linji gwida tad-DSA dwar il-protezzjoni tal-minorenni**, b'mod partikolari fir-rigward ta' miżuri biex jiġi evitat aktar l-esponiment għal kontenut dannuż, u biex jittejbu s-sistemi ta' rapportar tal-pjattaformi online - skedat fl-**2026**;
2. **tadotta linji gwida tad-DSA dwar is-sinjaturati fdati** li se jgħinu biex jiġi ċċarat ir-rwol tagħhom fl-indirizzar tal-kontenut illegali, bħall-bullying ċibernetiku illegali – **sat-tieni trimestru tal-2026**;
3. tivvaluta modi kif jiġi indirizzat il-bullying ċibernetiku fuq il-pjattaformi ta' video-sharing fl-evalwazzjoni li għaddejja **tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) u r-rieżami tagħha** – **sat-tielet trimestru tal-2026**;
4. **tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA dwar Prattiki pprojbiti tal-IA**, inkluż meta jintużaw għall-bullying ċibernetiku, permezz ta' koordinazzjoni fil-Bord tal-IA u l-gwida pprovduta permezz tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-prattiki pprojbiti tal-IA – **mit-tielet trimestru tal-2026**;
5. **tiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi ta' trasparenza tal-Att dwar l-IA**, inkluż permezz ta' kodiċi ta' Prattika dwar l-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat mill-IA, li għandu l-għan jappoġġa l-konformità mal-obbligi ta' trasparenza tal-Att dwar l-IA relatati mal-immarkar u mat-tikkettar tal-kontenut iġġenerat mill-IA, inkluż dak li jintuża għall-bullying ċibernetiku – **mit-tielet trimestru tal-2026**.

L-Istati Membri mistednin:

1. jistabbilixxu **pjanijiet nazzjonali komprensivi kontra l-bullying, inkluż il-bullying ċibernetiku**, li jibbenefikaw mill-appoġġ tan-network tal-UE dwar id-

drittijiet tat-tfal u f'konformità mal-[komunikazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal](#);

- jużaw il-fehim komuni tal-bullying ċibernetiku ppreżentat minn dan il-pjan ta' azzjoni biex **tinġabar data konsistenti u komparabbli dwar il-bullying ċibernetiku** ffaċilitat mill-appoġġ tal-Kummissjoni permezz tan-network taċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur u l-pjattaforma Internet Aħjar għat-Tfal, u biex jaħdmu b'mod konġunt għal standards komuni fl-indirizzar tal-bullying ċibernetiku madwar l-UE.

3.2 Il-Pilastru II: Il-prevenzjoni u s-sensibilizzazzjoni

L-aħjar mod biex niġġieldu l-bullying ċibernetiku huwa li nieħdu azzjoni qabel ma jseħħu inċidenti ta' ħsara. Il-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku teħtieġ prattiki diġitali tajbin minn età bikrija. Dan ifisser li t-tfal, iż-żgħażaġh, u l-adulti jitgħammru bil-ħiliet u l-fiduċja biex jittkellmu dwar ir-riskji online u jgħarfuhom. Huwa importanti wkoll li jiġu indirizzati l-attitudnijiet sottostanti li jistgħu jwasslu għal imġiba dannuża online.

Biex ikunu effettivi, l-isforzi ta' prevenzjoni jridu jinvolvu lill-persuni fil-qrib, lill-pari, lill-awturi, lill-ġenituri, lill-persuni li jindukraw, lill-edukaturi, u lill-komunità usa' tal-iskola, bl-appoġġ tal-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dan kien appoġġat minn 62 % tar-rispondenti tal-konsultazzjoni pubblika, li enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi appoġġat it-taħriġ professjonali għall-edukaturi, għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u għall-ħaddiema soċjali.

L-inizjattivi ta' prevenzjoni u sensibilizzazzjoni għandhom jitwettqu wkoll f'ambjenti ta' taġlim informali kif ukoll mhux formali, bħal ċentri taż-żgħażaġh, klabbs sportivi u ambjenti komunitarji, fejn it-tfal u ż-żgħażaġh iqattgħu ħafna mill-ħin tagħhom. Tali inizjattivi għandhom jintegraw ukoll il-prevenzjoni ta' kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni u l-ġlieda kontriha, f'sinerġija mal-istrateġiji tal-UE għall-ugwaljanza.

L-edukazzjoni diġitali u l-litteriżmu diġitali huma dejjem aktar meħtieġa biex jinnavigaw id-dinja online b'mod sikur u responsabbli. L-għoti ta' informazzjoni lit-tfal u liż-żgħażaġh dwar l-importanza li juru rispett u jkunu responsabbli fl-ambjenti diġitali jista' jnaqqas il-każijiet ta' ħsara intenzjonali jew mhux intenzjonali. Dan huwa wkoll miżura preventiva prevista fid-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika.

It-tfal u ż-żgħażaġh, inklużi dawk bi bżonnijiet speċjali, b'diżabilità jew f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, għandhom ikunu involuti b'mod attiv fit-tfassil u fit-twettiq ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni li jsaħħu l-pożizzjoni tan-nies, huma inklużivi u aċċessibbli, u jwasslu biex tinbeda diskussjoni dwar il-bullying ċibernetiku.

Il-Kummissjoni se tagħmel firxa ta' għodod ta' prevenzjoni u sensibilizzazzjoni disponibbli fil-livell tal-UE, żviluppati fi sħubija mat-tfal u maż-żgħażaġh, mal-ġenituri, mal-edukaturi, mal-professionisti tas-saħħa mentali, u mal-Istati Membri, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (2021-2027), il-Kummissjoni Ewropea sa taġġorna l-[Linji Gwida tagħha għall-ġhalliema u l-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali](#) permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Barra minn hekk, kif imħabbar fil-[komunikazzjoni dwar il-Tarka Ewropea għad-Demokrazija](#), l-aġġornamenti se jirriflettu l-iżviluppi fl-IA u fil-media soċjali u jinkludu materjal ta' taġlim u attivitajiet dwar il-bullying ċibernetiku u jagħtu attenzjoni lill-inklużjoni u lid-diversità. Il-Kummissjoni Ewropea se tiżviluppa wkoll qafas ta' kompetenza taċ-ċittadinanza tal-UE flimkien ma' linji gwida biex issaħħaħ l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza fl-iskejjel.

Barra minn hekk, il-litteriżmu diġitali, il-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku, u l-benesseri diġitali se jkunu oqsma ta' fokus fil-pjan direzzjonali tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali. Il-pjan direzzjonali tal-2030 se jkollu l-għan jiżgura li ż-żgħażaġh jiġu appoġġati fl-iżvilupp ta' drawwiet online tajbin għas-saħħa u jiġu infurmati dwar l-użu responsabbli ta' apparati diġitali kemm ġewwa kif ukoll barra l-klassi.

Din il-ħidma fuq il-litteriżmu diġitali tibbaża fuq inizjattivi li l-Kummissjoni qed timplimenta permezz tal-programm Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel (ESEP, European School Education Platform) u l-eTwinning. Fil-kuntest tal-ESEP, il-Kummissjoni se tippermetti viżibbiltà aħjar u permanenti tal-materjali utli kollha għall-iskejjel dwar il-bullying, inkluż il-bullying ċibernetiku. Mis-sejħa tal-Erasmus+ tal-2026, il-benesseri fl-iskola se jissaħħaħ biex jiġu appoġġati, immonitorjati u mħeġġa b' mod aħjar il-proġetti li jindirizzaw il-bullying u l-bullying ċibernetiku.

In-network tal-UE għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal se jgħin biex jippromwovi l-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tat-tfal fir-rigward tal-abbuż sesswali tat-tfal, inkluż billi jiġu kkunsidrati inizjattivi li jgħinu fil-prevenzjoni ta' każijiet ta' bullying ċibernetiku milli jeskalaw għal imġiba kriminali (eż. it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal). Barra minn hekk, il-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku se tiġi kkunsidrata fil-pjan ta' azzjoni li jmiss tal-UE dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-kriminalità. Il-pjan ta' azzjoni se jfittex li jipprovdi rispons koerenti u komprensiv għad-diversi riskji li jiffaċċjaw it-tfal fir-rigward tal-kriminalità, kemm online kif ukoll offline.

Il-pjattaforma Internet aħjar għat-tfal (BIK) u n-network tagħha ta' SICs jipprovdu għodod ta' appoġġ għat-tfal, għall-ġenituri, għall-edukaturi, u għall-professjonisti fil-livell tal-UE (BIK) u nazzjonali (SICs). Dawn ir-riżorsi se jiġu estenzi aktar biex isaħħu l-kapaċitajiet, jilhqqu aktar partijiet ikkonċernati, u jwieġbu għal sfidi ġodda ta' bullying ċibernetiku.

Peress li l-iskejjel għandhom rwol ewlieni fil-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku, se jitwettqu attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni bl-appoġġ tal-SICs u tal-pjattaforma BIK li jibdew bil-kampanja annwali "lura l-iskola" fil-bidu ta' kull sena skolastika ġdida, biex l-ġhalliema u t-tfal jitgħammru b'materjali, għodod ta' taħriġ, u informazzjoni dwar kif jevitaw u jirrapportaw il-bullying ċibernetiku.

Ir-riżorsi u t-taħriġ dwar il-bullying ċibernetiku għall-edukazzjoni mhux formali u informali se jissaħħu permezz tal-pjattaformi Ewropej. Dawn jinkludu l-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, il-punt uniku ta' servizz biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u jiġu promossi opportunitajiet għaż-żgħażaġh, il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel, il-punt fejn tiltaqa' l-komunità

tal-edukazzjoni skolastika, u r-Rokna tal-Apprendiment, li ttiprovdi lill-għalliema u lill-professjonisti tal-edukazzjoni b'riżorsi u settijiet ta' għodod dwar l-inizjattivi tal-UE.

Avvenimenti bħall-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażaġħ u l-Ġimgħa Ewropea tal-Isport jiffaċilitaw l-involviment dwar varjetà ta' suġġetti, inkluża l-ġlieda kontra l-bullying ċibernetiku. Il-grupp tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda fl-isport, stabbilit fil-kuntest tal-pjan ta' ħidma tal-UE għall-isport, qed jaħdem fuq rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri u għall-partijiet ikkonċernati dwar l-ambjent sportiv b'mod ġenerali, inkluż online. Ir-rapport tiegħu mistenni sal-aħħar tal-2026 u se jinkludi rakkomandazzjonijiet għall-ġlieda kontra l-bullying ċibernetiku.

Il-Kummissjoni se:

6. **tindirizza l-bullying ċibernetiku fl-aġġornament tal-linji gwida għall-għalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali** permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ – **sat-tieni trimestru tal-2026;**
7. **issaħħaħ l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza fl-iskejjel** permezz ta' qafas ta' kompetenza u linji gwida dwar iċ-ċittadinanza tal-UE – **fl-2027;**
8. **issaħħaħ il-kompetenza diġitali, il-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku, u l-benesseri diġitali** permezz tal-pjan direzzjonali tal-2030 **dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali** – **sat-tielet trimestru tal-2026;**
9. tagħti kontribut **għall-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku fil-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-kriminalità** li se jitnieda – **sat-tielet trimestru tal-2026**
10. **tespandi r-riżorsi u t-taħriġ dwar il-bullying ċibernetiku** għall-iskejjel u għall-edukazzjoni mhux formali u informali, aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, permezz tal-pjattaforma BIK, l-SICs, il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ u l-Pjattaforma Ewropea għall-edukazzjoni fl-iskejjel – **mit-tieni trimestru tal-2026;**
11. tappoġġa l-grupp dwar il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda fl-isport fil-ħidma tiegħu dwar ir-rakkomandazzjonijiet **għall-ġlieda kontra l-bullying ċibernetiku fl-ambjent sportiv** – **rapport mistenni sar-raba' trimestru tal-2026.**

L-Istati Membri mistednin:

3. isaħħu l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-bullying ċibernetiku b'**linji gwida ċari u taħriġ għall-partijiet ikkonċernati** bħall-edukaturi, il-persuni li jindukraw, il-professjonisti li jaħdmu mat-tfal f'oqsma differenti (eż. is-saħħa, l-isport, il-ġustizzja, l-infurzar tal-liġi);
4. **isaħħu l-parteciġazzjoni tat-tfal** fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-benesseri tat-tfal;

3.3 Il-Pilastru III: Rapportar u appoġġ komprensiv

Il-vittmi tal-bullying ċibernetiku jrid ikollhom mezzi ċari, fdati u aċċessibbli biex jirrapportaw l-abbuż u jiksbu l-ġajnuna, inkluż għall-bullying ċibernetiku permezz ta' messaġġi privati. Sabiex ikunu effettivi, l-isforzi ta' appoġġ iridu jinvolvu aktar mis-sempliċi ġajnuna lill-vittmi tal-bullying ċibernetiku biex jilhqg wkoll lil dawg li jkunu xhieda tiegħu, lill-awturi, lill-ġenituri, lill-persuni li jindukraw u lill-komunità usa' tal-iskejjel.

Il-Kummissjoni se tippromwovi possibbiltajiet ta' rapportar koerenti u fl-UE kollha u appoġġ lill-vittmi. Ir-rapportar għandu jwassal malajr għal appoġġ multidixxiplinari, kemm online kif ukoll offline. Għandu jinvolvi lill-awtoritajiet rilevanti kollha fil-livelli kollha, lill-atturi privati, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll lill-ġenituri, lill-persuni li jindukraw, lit-tfal u liż-żgħażaġħ infushom.

Filwaqt li tibni fuq l-għarfien miġbur permezz ta' diversi konsultazzjonijiet immirati, **il-Kummissjoni se tappoġġa t-tnedija ta' app għas-sikurezza online madwar l-Istati Membri kollha**, abbażi ta' mudelli ta' Prattika nazzjonali eżistenti li rnexxew, bħat-3018 app Franċiża. L-app se ttipprovdi għodda sigura, faċli għall-utent, u kunfidenzjali li bis-saħħa tagħha t-tfal u ż-żgħażaġħ ikunu jistgħu:

- i. **jirrapportaw faċilment il-bullying ċibernetiku lil helpline,**
- ii. **jaħżnu u jittrażmettu l-evidenza b'mod sikur** skont l-oqfsa legali nazzjonali, u
- iii. jirċievu **assistenza mfassla apposta permezz ta' referenzi kkoordinati**, pereżempju, għall-infurzar tal-liġi, għall-edukazzjoni u għas-servizzi tal-protezzjoni tat-tfal.

Il-Kummissjoni se tappoġġa lill-Istati Membri, metamehtieg u rilevanti, biex:

- i. **jadattaw l-app għall-kuntest u l-ħtiġijiet nazzjonali** (eż. it-traduzzjoni, il-markar, il-konnessjoni mas-servizzi nazzjonali rilevanti għall-appoġġ u l-pjattaformi għar-rapportar), jipprovdu karatteristiċi bħar-rapportar sigur, il-preżervazzjoni tal-evidenza skont il-liġi nazzjonali u l-kunfidenzjalità garantita;
- ii. **jiżguraw l-interoperabbiltà** mal-infrastrutturi u mas-sistemi ta' appoġġ eżistenti, u
- iii. **jappoġġaw il-promozzjoni** tal-użu tal-app fost l-Istati Membri, l-utenti u l-pjattaformi online.

Il-pjattaformi online se jibqgħu responsabbli biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi ta' rapportar. Dan jista' jammonta għal waħda mill-miżuri stabbiliti biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi tad-DSA dwar il-protezzjoni tal-minorenni. Filwaqt li tikkomplementa dawn l-isforzi, l-app se tkun disponibbli għall-pjattaformi online għall-integrazzjoni fl-għodod ta' rapportar u ta' appoġġ għall-utenti tagħhom, inkluż permezz ta' Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (APIs, Application Programming Interfaces) li permezz tagħhom tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u effettiva għar-rapportar u għar-rispons.

Is-suċċess tal-app jiddependi fuq id-disponibbiltà tal-appoġġ u s-segwitu mill-awtoritajiet nazzjonali. L-Istati Membri se jkollhom rwol importanti biex jiżguraw li r-rapportar permezz tal-app ikun appoġġat minn appoġġ ikkoordinat offline (eż. appoġġ legali, soċjali, psikoloġiku u edukattiv) kif ukoll fil-komunikazzjoni tal-benefiċċji tal-app. L-għan tal-app hu li jkun hemm sinerġiji ma' mekkaniżmi ta' rapportar stabbiliti sew fl-Istati Membri għar-rapportar tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-vjolenza kontra n-nisa online, kif ukoll helplines tal-UE, nazzjonali u internazzjonali, b'mod partikolari helplines għat-tfal (116 111) u hotlines għat-tfal neqsin (116 000).

Il-Kummissjoni se tadotta l-[istrateġija li jmiss tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi fl-2026](#) biex tikkomplementa r-regoli tal-UE b'miżuri mhux leġiżlattivi. L-Istrateġija se tippromwovi strutturi għal appoġġ immirat (eż. eżami mediku, emozzjonali u psikoloġiku) u servizzi ta' protezzjoni għat-tfal vittmi, inklużi dawk tal-kriminalità online. Dawn se jindirizzaw ukoll lill-vittmi tal-bullying ċibernetiku fl-Istati Membri fejn tali atti huma kriminalizzati skont il-liġi nazzjonali.

Skont ir-[Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data](#), id-dritt li d-data personali titħassar huwa partikolarment relevanti meta s-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens tiegħu bħala minuri u seta' ma kienx konxju għalkollox mir-riskji involuti, inkluż fil-kuntest tal-bullying ċibernetiku. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-iżvilupp ta' għodod iffukati fuq it-tfal biex tiġi protetta d-data fuq il-media soċjali, għall-prevenzjoni tas-serq ta' data jew kontijiet, u biex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

Il-Kummissjoni se:

12. **tappoġġa l-introduzzjoni fl-Istati Membri ta' app għas-sikurezza online aċċessibbli** għar-rapportar faċli tal-bullying ċibernetiku, li tkun adattata għall-kuntesti nazzjonali, f'sinerġiji mal-mekkaniżmi ta' rapportar eżistenti, inklużi helplines u hotlines, filwaqt li trawwem appoġġ multidixxiplinari online kif ukoll offline – **mit-tielet trimestru tal-2026**;
13. **tindirizza l-vittmi tfal u l-vittimizzazzjoni online**, li jistgħu jinkludu l-bullying ċibernetiku, fl-[istrateġija li jmiss tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi – 2026](#).

L-Istati Membri mistednin:

5. janalizzaw il-kuntest nazzjonali tagħhom bil-ħsieb li jqiegħdu għad-dispożizzjoni **app nazzjonali għas-sikurezza online** b'appoġġ imfassal apposta, u, filwaqt li jibbażaw fuq mudelli ta' Prattika nazzjonali eżistenti li rnexxew, **jippersonalizzaw tali mudell għall-kuntest nazzjonali**, inkluż eż. it-traduzzjoni, il-marka, il-konnessjoni mas-servizzi nazzjonali rilevanti għall-appoġġ u l-pjattaformi għar-rapportar, filwaqt li jiżguraw karatteristiċi ewlenin bħar-rapportar sigur, il-preżervazzjoni tal-evidenza skont il-liġi nazzjonali u l-kunfidenzjalità garantita;
6. jiżguraw li r-rapportar permezz tal-app nazzjonali għas-sikurezza online jkun integrat ma' **ekosistema olistika u li tiffunzjona tajjeb għall-ġestjoni u l-appoġġ**

tal-każijiet, inkluż appoġġ koordinat offline (eż. servizzi ta' appoġġ legali, tal-pulizija, soċjali, psikoloġiku u edukattiv);

7. **jagħmlu l-app nazzjonali għas-sikurezza online disponibbli għall-pjattaformi online għall-integrazzjoni fl-għodod ta' rapportar u ta' appoġġ għall-utenti tagħhom**, inkluż permezz ta' Interfaċċi għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet (APIs), li permezz tagħhom tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u effettiva għar-rapportar u għar-rispons;
8. **jippromwovu l-adozzjoni u l-użu b'mod estensiv tal-app nazzjonali għas-sikurezza mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha**;
9. **jippromwovu għodod żviluppati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data** bil-lingwi nazzjonali tagħhom biex it-tfal jiproteġu lilhom infushom mir-riskji online, bħall-bullying ċibernetiku, is-serq ta' data jew kontijiet, it-tentattivi ta' scams, u r-rikatti sesswali.

4. Sensibilizzazzjoni internazzjonali u kooperazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati

L-UE għandha l-għan li tissalvagwardja l-benesseri u d-drittijiet tat-tfal fil-fruntieri tagħha, iżda tikkontribwixxi wkoll b'mod sinifikanti għat-trawwim ta' ambjent diġitali aktar sikur u aktar inklużiv fid-dinja kollha. Il-Jum għal Internet Aktar Sikur issa huwa kampanja globali li tistieden lill-partijiet ikkonċernati jieħdu azzjoni b'mod konġunt biex l-internet isir post aktar sikur u aħjar għal kulħadd, speċjalment għat-tfal u ż-żgħażaġh, biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi ewlenin online u t-tħassib u x-xejriet emerġenti.

Il-protezzjoni tal-minorenni u t-tiżi fil-pożizzjoni tagħhom online huma prijorità globali. Dan huwa rifless fl-[istrateġija diġitali internazzjonali tal-UE](#). In-network ikkofinanzjat tal-UE ta' hotlines fl-Istati Membri biex jiġi indirizzat it-tixrid online tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal huwa parti min-[network INHOPE](#) b'57 hotline li bħalissa joperaw fid-dinja kollha.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem ma' regolaturi oħra tal-istess fehma fil-qasam tas-sikurezza online, inklużi l-prevenzjoni u l-indirizzar tal-bullying ċibernetiku, skont arranġamenti amministrattivi eżistenti u futuri (eż. bħalissa ma' Ofcom fir-Renju Unit u mal-Kummissarju għas-Sikurezza Elettronika fl-Awstralja) u sħubijiet diġitali (eż. mal-Kanada, ma' Singapore, u mal-Indja).

L-UE se tippromwovi l-kooperazzjoni kontra l-bullying ċibernetiku fil-fora internazzjonali, skont il-[Patt Diġitali Globali](#). L-organizzazzjonijiet tan-NU żviluppaw gwida u għodod li jistgħu jintużaw bħala prattiki tajbin u parametri referenzjarji, inkluż mill-UNICEF (sit web u APIs b'sors miftuħ), l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (linji gwida dwar il-protezzjoni online tat-tfal), kif ukoll mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-vjolenza kontra t-tfal. L-UE tappoġġa s-sensibilizzazzjoni tal-UNESCO mar-regolaturi biex jimplimentaw il-linji gwida tal-UNESCO dwar il-governanza tal-pjattaformi diġitali.

L-UE tiffinanzja programmi ddedikati ta' appoġġ għas-sensibilizzazzjoni u għall-protezzjoni tat-tfal f'pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari pajjiżi kandidati u tal-viċinat, online u offline, permezz tal-istrument NDICI-Ewropa Globali. L-UE tappoġġa wkoll l-allinjament mar-regoli tal-UE fil-kuntest tal-proċess ta' adeżjoni għall-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, u tippromwovi s-sikurezza online tat-tfal u taż-żgħażaġħ fil-pajjiżi ġirien billi taqsam l-għarfien u l-aħjar prattiki permezz tal-programm taċ-Ċentru għal Internet Aktar Sikur+ (SIC+, Safer Internet Centre+).

5. Il-passi li jmiss

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fit-tliet pilastri kollha, filwaqt li taħdem mill-qrib mal-Istati Membri, mal-SICs, u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. Il-progress, l-isfidi u l-prattiki tajbin se jiġu segwiti permezz ta' għodod eżistenti bħall-Pjan ta' Azzjoni Annwali dwar il-Politika tal-BIK, rapporti mill-SICs u skambji regolari permezz ta' fora ta' esperti, li jiżguraw monitoraġġ trasparenti u parteċipattiv.

Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tintegra l-oqfsa ta' monitoraġġ fl-istrategġiji jew fil-politiki nazzjonali tal-bullying ċibernetiku, filwaqt li tivvaluta l-implimentazzjoni, l-aċċessibbiltà, l-inklużività, u l-adattabbiltà għall-kuntesti diġitali li qed jevolvu, bl-involvement attiv tat-tfal u taż-żgħażaġħ. Is-sejbiet se jiġu kondiviżi fil-livell tal-UE biex jappoġġaw it-tagħlim reċiproku u l-allinjament tal-politika, filwaqt li jipprovdu informazzjoni għall-aġġornamenti għall-inizjattivi taħt il-BIK+ u d-DSA.

Il-Kummissjoni se tagħmel rendikont ta' dan il-pjan ta' azzjoni fl-2029, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet mat-tfal u maż-żgħażaġħ.

6. Konklużjonijiet

“Irridu spazju online sikur għat-tfal, għaż-żgħażaġħ, u għall-ġenerazzjoni li jmiss iżda għad m'għandniex dan. Għandna xi problemi. U dawn huma problemi mhux biss għal din il-ġenerazzjoni. Għalhekk, neħtieġu xi għajjnuna mill-UE biex noħolqu l-ispazji sikuri tagħna. Irridu nibdew minn xi mkien. Dan irridu nagħmluh issa. Għall-futur.”

Kwotazzjoni mit-tfal membri tal-pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-tfal

It-tfal u ż-żgħażaġħ jikkuntattjawna għall-għajjnuna biex l-ispazji online jsiru sikuri, għalihom, għall-pari tagħhom, u għall-ġenerazzjonijiet futuri. Irridu nilqgħu l-isfida fl-Unjoni kollha tagħna għaliex il-protezzjoni u t-tisħiħ fil-pożizzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġħ tagħna m'għandhomx jiddependu mill-kodiċi postali.

Filwaqt li jibbaża fuq sett ta' għodod tal-UE diġà robust ta' miżuri legali u politiċi kontra l-ħsarat online u juża l-kontribuzzjonijiet minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, dan il-pjan ta' azzjoni se jgħin biex jinbena ambjent diġitali sikur, inklużiv u li jsaħħaħ il-pożizzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġħ fl-Ewropa. Dan se jikkomplementa u jispira inizjattivi kontinwi tal-UE dwar l-internet aktar sikur, ir-responsabbiltà tal-pjattaformi, il-ħiliet u l-edukazzjoni diġitali, it-tisħiħ fil-pożizzjoni tat-tfal u ż-żgħażaġħ, il-ġbir tad-data u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex japprovaw dan il-pjan ta' azzjoni u jaħdmu flimkien fuq l-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni tistieden lill-Komitat tar-Reġjuni u lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex jippromwovu d-djalogu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, mal-partijiet ekonomiċi u soċjali u mas-soċjetà ċivili.

ANNEX: Azzjonijiet Ewlenin u Skeda ta' Żmien

Pilastru I: Approċċ koordinat tal-UE għall-protezzjoni

Il-Kummissjoni se:	
tespandi l-fokus fuq l-indirizzar tal-bullying ċibernetiku fir-rieżami tal- linji gwida tad-DSA dwar il-protezzjoni tal-minorenni ;	2026
tadotta linji gwida tad-DSA dwar sinjalaturi fdati li se jgħinu biex jiġi ċċarat ir-rwol tagħhom fl-indirizzar tal-kontenut illegali, bħall-bullying ċibernetiku illegali;	sat-tieni trimestru tal-2026
tivvaluta modi kif jiġi indirizzat il-bullying ċibernetiku fuq il-pjattaformi ta' video-sharing matul l- evalwazzjoni li għaddejja tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u r-rieżami tagħha;	sat-tielet trimestru tal-2026
tappoġġa l- implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA dwar il-prattiki pprojbiti tal-IA , inkluż meta jintużaw għall-bullying ċibernetiku;	mit-tielet trimestru tal-2026
tiffaċilita l- implimentazzjoni effettiva tal-obbligi ta' trasparenza tal-Att dwar l-IA relatati mal-immarkar u t-tikkettar tal-kontenut iġġenerat mill-IA , inkluż meta dan jikkonċerna l-bullying ċibernetiku.	mit-tielet trimestru tal-2026

L-Istati Membri mistednin:
jistabbilixxu pjanijiet nazzjonali komprensivi kontra l-bullying, inkluż il-bullying ċibernetiku , bl-appoġġ tan-network tal-UE għad-drittijiet tat-tfal;
jiġbru data konsistenti u komparabbli dwar il-bullying ċibernetiku ffaċilitat min-network taċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur u l-pjattaforma Internet Aħjar għat-Tfal.

Pilastru II: Prevenzjoni u Sensibilizzazzjoni

Il-Kummissjoni se:	
tindirizza l-bullying ċibernetiku fl- aġġornament tal-linji gwida għall-għalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali ;	sat-tieni trimestru tal-2026
issaħħaħ l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza fl-iskejjel permezz ta' qafas ta' kompetenza u linji gwida dwar iċ-ċittadinanza tal-UE	2027

issaħħaħ il-kompetenza diġitali, il-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku, u l-benesseri diġitali permezz tal- pjan direzzjonali tal-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali ;	sat-tielet trimestru tal-2026
tagħti kontribut għall-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku fil- pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tat-tfal kontra l-kriminalità li se jitmieda;	sat-tielet trimestru tal-2026
tespandi r-riżorsi u t-taħriġ dwar il-bullying ċibernetiku għall-iskejjel u għall-edukazzjoni mhux formali u informali , aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, permezz tal-pjattaforma BIK, l-SICs u l-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ;	mit-tieni trimestru tal-2026
tappoġġa l-grupp ta' Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni tal-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda fl-isport fil-ħidma tagħha fuq rakkomandazzjonijiet għall-ġlieda kontra l-bullying ċibernetiku fl-ambjent sportiv .	sar-raba' trimestru tal-2026

L-Istati Membri mistednin biex:
issaħħu l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-bullying ċibernetiku b' linji gwida u taħriġ għall-partijiet ikkonċernati bħall-edukaturi, il-persuni li jindukraw, u l-professjonisti li jaħdmu mat-tfal f'oqsma differenti;
isaħħu l-parteċipazzjoni tat-tfal fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-benesseri tat-tfal;

Pilastru III: Rapportar u appoġġ komprensiv

<u>Il-Kummissjoni se:</u>	
tappoġġa l-introduzzjoni ta' app għas-sikurezza online aċċessibbli fl-Istati Membri;	mit-tielet trimestru tal-2026
tindirizza t-tfal vittmi u l-vittimizzazzjoni online, li jistgħu jinkludu l-bullying ċibernetiku, fl-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi .	2026

<u>L-Istati Membri mistednin biex:</u>
--

janalizzaw il-kuntest nazzjonali tagħhom bil-ħsieb li jqiegħdu għad-dispożizzjoni app nazzjonali għas-sikurezza online u, filwaqt li jibbażaw fuq mudelli ta' Prattika nazzjonali eżistenti li rnexxew, jadattaw tali mudell għall-kuntest nazzjonali;
jiżguraw li r-rapportar permezz tal-app nazzjonali għas-sikurezza online jiġi integrat b'ekosistema ta' appoġġ olistika u li tiffunzjona tajjeb;
iqiegħdu l-app nazzjonali għas-sikurezza online għad-dispożizzjoni tal-pjattaformi online għall-integrazzjoni fl-għodod ta' rapportar u ta' appoġġ għall-utenti tagħhom;
jippromwovu l-app nazzjonali għas-sikurezza online fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti.
jippromwovu għodod żviluppati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data bil-lingwi nazzjonali tagħhom għat-tfal biex jiproteġu lilhom infushom mir-riskji online, bħall-bullying ċibernetiku.